MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 185/2007

**AUTO SALES LTD (C-491)**

vs

**J.G. RENTALS LTD (C-36749)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq fil-20 ta’ Frar, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-Bank attur talab li din il-Qorti:

( i ) Tiddikjara lis-soċjeta’ J.G. Rentals Limited hija debitriċi tagħha fis-somma ta’ erbgħa u għoxrin elf, ħames mija u sebgħa u tletin lira Maltija u tnejn u tmenin

ċenteżmi (Lm24,537.82)[1], rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' vettura tal-għamla *Renault Clio CL2*, mibjugħa bin-nifs (*hire-purchase*);

( ii ) Tikkundanna lill-istess kumpannija mħarrka biex tħallasha l-imsemmija somma, flimkien mal-imgħax. Talbett ukoll l-ispejjeż;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-kumpannija mħarrka bil-mezz tal-affissjomi u tal-pubblikazzjoni, li naqset li tippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi u hekk waqgħet kontumaċi;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-lum mill-Avukat tal-kumpannija attriċi;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-Kontumaċja tal-kumpannija mħarrka tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** attriċi u ssib li l-kumpannija mħarrka għandha' tagħti lill-kumpannija attriċi s-somma ta' sebgħa u ħamsin elf, mija u sebgħa u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€57,157.75), rappreżentanti l-bilanċ ta' press tal-vettura tal-għamla *Renault Clio CL2* lilha mibjugħa u konsenjata mill-kumpannija rikorrenti;

**Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' €57,157.75, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ mit-23 ta' Novembru, 2006, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

Tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas ukoll **l-ispejjeż tal-kawża**.

[1] Li jġibu €57,157.75 fi flus tal-lum

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------